A.L. 446 ta' l-2004

ATT DWAR IL-PATRIMONJU KULTURALI (KAP. 445)

Regolamenti ta' l-2004 dwar Ħlasijiet għad-Dħul fil-Mużewijiet, Siti u Wirjiet ta' Kollezzjonijiet Nazzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 55 ta' l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, il-Ministru għat-Turiżmu u l-Kultura bi ftehim mal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar Ħlasijiet għad-Dħul fil-Mużewijiet, Siti u Wirjiet ta' Kollezzjonijiet Nazzjonali.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Novembru, 2004.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ mod ieħor :

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali;

"btala pubblika" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra; Kap. 252.

"dokument ta' studenti jew żgħażagħ rikonoxxuti fuq bażi internazzjonali" tfisser dawk il-persuni li jippreżentaw l-International Student Identification Card (ISIC), jew il-Euro‹26, jew membri ta' l-Għaqda Internazzjonali tal-Mużewijiet (ICOM) u membri tal-Kumitat Internazzjonali tal-Monumenti u Siti (ICOMOS);

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-mużewijiet, siti u kollezzjonijiet;

"mużewijiet, siti u wirjiet ta' kollezzjonijiet" tfisser il-mużewijiet, siti u kollezzjonijiet imniżżla fl-Ewwel u fit-Tieni Skedi li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti;

"Patrimonju Malta" tfisser l-Aġenzija Operattiva mwaqqfa skond l-artikolu 8 ta' l-Att.

Ħlasijiet dovuti għad-dħul f'mużewijiet, siti u wirjiet ta' kollezzjonijiet.

3. (1) Għandu jsir ħlas ta' lira Maltija (Lm1) lil Patrimonju Malta minn kull persuna ta' tmintax-il sena u fuqhom, għad-dħul f'kull ġurnata tal-ġimgħa, inklużi s-Sibt u l-Ħadd, fil-mużewijiet, siti u wirjiet ta' kollezzjonijiet kollha f'Malta u Għawdex minbarra dawk imsemmija fis-subregolamenti (2) sa (5) ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda:

(a) persuni minn sittin sena 'l fuq, kif ukoll dawk il-persuni ta' bejn it-tnax u s-sbatax-il sena, iż-żewġ etajiet inklużi, għandhom iħallsu rata ta' ħlas imnaqqsa b'ħamsin fil-mija fuq il-prezz tal-biljetti;

(b) kull persuna bejn sitt snin u ħdax-il sena, iż-żewġ etajiet inklużi, għandha tħallas ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm 0.25ċ);

(ċ) Patrimonju Malta tista' tawtorizza lill-persuni li jkunu rikonoxxuti bħala studenti jew żgħażagħ detenturi ta' dokument ta' identità internazzjonali li jħallsu r-rata msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan il-proviso.

(2) Il-ħlas għad-dħul fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, f'Raħal Ġdid, għandu jkun dan li ġej:

(a) ħlas ta' erba' liri (Lm 4) għal kull persuna minn tmintax-il sena 'l fuq,

(b) persuni li għandhom minn sittin sena 'l fuq, kif ukoll dawk il-persuni ta' taħt is-sbatax-il sena, għandhom iħallsu rata ta' ħlas li hemm fil-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament imnaqqsa b'ħamsin fil-mija fuq il-prezz tal-biljett.

(3) Il-ħlas għad-dħul fil-Palazz ta' l-Inkwiżitur - il-Birgu, il-Mużew Marittimu Malti - il-Birgu, il-Katakombi ta' San Pawl - ir-Rabat, l-Armerija tal-Palazz - il-Belt Valletta, il-Kmamar Statali - il-Belt Valletta, it-Tempji ta' Ħagar Qim -Qrendi, it-Tempji tal-Imnajdra - il-Qrendi, it-Tempji Ta' Ħaġrat - l-Imġarr, it-Tempji ta' Skorba - l-Imġarr u San Pawl Milqi - Burmarrad, għandu jkun dan li ġej:

(a) ħlas ta' żewġ liri (Lm 2) għal kull persuna minn tmintax-il sena 'l fuq;

(b) persuni li għandhom minn sittin sena 'l fuq, u persuni ta' bejn it-tnax u s-sbatax-il sena, iż-żewġ etajiet inklużi, għandhom iħallsu r-rata ta' ħlas li hemm fil-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament imnaqqsa b'ħamsin fil-mija fuq il-prezz tal-biljett;

(ċ) ħlas ta' ħamsin ċenteżmu (Lm 0.50ċ) għal kull persuna bejn sitt snin u ħdax-il sena, iż-żewġ etajiet inklużi:

Iżda minħabba fil-varjazzjoni fit-talba għad-dħul fit-Tempji ta' Ħagrat, fit-Tempji ta' Skorba u f'San Pawl Milqi, il-ħlas għad-dħul f'dawn is-siti jista' jiżdied bi ħlas amministrattiv li jvarja skond l-għadd ta' viżitaturi li jmorru f'dak is-sit flimkien.

(4) Il-ħlas għad-dħul f'Għar Dalam, Birżebbuġa u l-Ġgantija, Xagħra Għawdex, għandu jkun dan li ġej:

(a) ħlas ta' lira u ħamsin ċenteżmu (Lm1.50) għal kull persuna minn tmintax-il sena 'l fuq;

(b) persuni li għandhom minn sittin sena 'l fuq, u persuni ta' bejn it-tnax u s-sbatax-il sena, iż-żewġ etajiet inklużi, għandhom iħallsu r-rata ta' ħlas li hemm fil-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament imnaqqsa b'ħamsin fil-mija fuq il-prezz tal-biljett;

(ċ) ħlas ta' ħamsin ċenteżmu (Lm 0.50ċ) għal kull persuna bejn sitt snin u ħdax-il sena, iż-żewġ etajiet inklużi.

(5) Il-ħlas għad-dħul fid-Dar Rumana, ir-Rabat għandu jkun kif gej:

(a) ħlas ta' żewġ liri u ħamsin ċenteżmu (Lm2.50ċ) għal kull persuna minn tmintax-il sena 'l fuq;

(b) persuni li għandhom minn sittin sena 'l fuq, u persuni ta' bejn it-tnax u s-sbatax-il sena, iż-żewġ etajiet inklużi, għandhom iħallsu r-rata ta' ħlas li hemm fil-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament imnaqqsa b'ħamsin fil-mija fuq il-prezz tal-biljett;

(ċ) ħlas ta' ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm 0.75ċ) għal kull persuna bejn is-sitt snin u ħdax-il sena, iż-żewġ etajiet inklużi.

(6) Patrimonju Malta tista' tawtorizza lill-persuni li huma studenti jew żgħażagħ, li huma identifikati bħala tali permezz ta' dokumenti ta' studenti jew żgħażagħ rikonoxxuti fuq bażi internazzjonali, li jidħlu fil-mużewijiet, siti u wirjiet ta' kollezjoni

imsemmija fis-subregolament (2) sa (5) ta' dan ir-regolament b'rata ta' ħlas imnaqqsa b'ħamsin fil-mija tal-prezz sħiħ tal-biljett tad-dħul.

Ħlasijiet għad-dħul f'diversi siti flimkien.

4. Patrimonju Malta għandha tiġbor ħlas għal dħul f'iżjed minn mużew, sit jew kollezzjoni waħda f'Malta u f'Għawdex kif ġej:

(a) ħlas ta' zewġ liri (Lm 2.00) għal kull persuna għad-dħul kemm fit-Tempji tal-Ġgantija kif ukoll fil-Mitħna Ta' Kola, li t-tnejn jinsabu fix-Xagħra, Għawdex.

(b) ħlas ta' żewġ liri (Lm 2.00) għal kull persuna għad-dħul fil-mużewijiet kollha li jinsabu fiċ-Ċittadella fir-Rabat, Għawdex imsemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(ċ) ħlas ta' ħames liri (Lm 5.00) għal kull persuna għad-dħul fil-Katakombi ta' San Pawl u d-Dar Rumana li jinsabu fir-Rabat, Malta u l-Mużew ta' l-Istorja Naturali li jinsab fl-Imdina, Malta;

(d) ħlas ta' tliet liri (Lm 3.00) għal kull persuna għad-dħul fit-Tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra li jinsabu fil-Qrendi, Malta;

(e) ħlas ta' tliet liri (Lm 3.00) għal kull persuna għad-dħul fil-Palazz ta' l-Inkwiżitur u l-Mużew Marittimu Malti li jinsabu fil-Birgu, Malta.

Meta dħul isir b'appuntament.

5. Id-dħul fil-mużewijiet, siti u wirjiet ta' kollezzjonijiet imsemmija fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti jista' jsir biss permezz ta' appuntament ma' l-uffiċjali ta' Patrimonju Malta, minbarra l-ħlas tal-prezz tad-dħul relattiv.

Il-ħlas isir waqt li s-siti, mużewijiet u l-wirjiet ta' kollezzjonijiet ikunu miftuħin.

6. Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, il-ħlasijiet imsemmija f'dawn ir-regolamenti għandhom jingħabru minn Patrimonju Malta waqt il-ħinijiet tal-ftuħ tal-mużewijiet, tas-siti u tal-wirjiet ta' kollezzjonijiet kif stabbiliti minn Patrimonju Malta minn żmien għal żmien.

Biljetti għal dħul ta' gruppi.

7. (1) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti, Patrimonju Malta tista' toħroġ biljetti, lil operaturi turistiċi li jkollhom liċenza u li jkunu qegħdin jorganizzaw gruppi ta' ħames persuni jew iżjed u li jkunu mmexxija minn gwida li jkollha liċenza b'rata ta' ħlas imnaqqsa għal dħul fil-mużewijiet, siti u kollezzjonijiet kollha f'Malta u Għawdex, ħlief fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, f'Raħal Gdid,

(2) Dawn il-biljetti għall-gruppi b'rata ta' ħlas imnaqqsa skond ma hemm imsemmi fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandhom:

(a) jinxtraw qabel iż-żjara mill-uffiċċju Ċentrali ta' Patrimonju Malta;

(b) ikunu jintitolaw lil operaturi turistiċi li jkollhom liċenza għal rata mnaqqsa bi tletin fil-mija tal-prezz sħiħ tal-biljett għall-adulti;

(ċ) jitqassmu lil kull membru tal-grupp, li mbagħad għandu jagħti l-mamma tal-biljett lill-uffiċjal inkarigat fil-mużew, sit jew wirja ta' kollezzjoni, filwaqt li jżomm il-bqija tal-biljett sakemm ikun għadu fuq is-sit, kif provdut fir-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti, il-ħlas li jsir mill-operaturi turistiċi li jkollhom liċenza kif msemmija f'dan ir-regolament, għall-perjodu bejn l-1 ta' Novembru 2004, u l-31 ta' Ottubru, 2005 u għall-mużewijiet, siti u kollezzjonijiet mniżżla fit-Tielet Skeda għandu jkun bir-rata tad-dħul għas-siti differenti kif tidher fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti mnaqqsa bi tletin fil-mija. Biljetti mixtrija b'dan il-mod jibqgħu biss validi sal-31 ta' Ottubru, 2005. Mill-1 ta' Novembru, 2005, ir-rata li tithallas minn dawn l-operaturi turistiċi li jkollhom liċenza għandha tkun l-ogħla rata stabbilita b'dawn ir-regolamenti minbarra t-Tielet Skeda. Biljetti li jibqgħu mhux utilizzati għandhom jitreġgħu lura u jingħataw oħrajn minflokhom u d-differenza fil-prezz għandha tiġi mħallsa lil Patrimonju Malta.

Ġbir ta' ħlas addizzjonali meta jkun hemm xi wija jew attività.

8. Fil-każ li Patrimonju Malta torganizza xi wirjiet jew attivitajiet fil-mużewijiet u s-siti tagħha, hija tista' tiġbor ħlas addizzjonali għal matul il-perjodu ta dik il-wirja jew attività. Dan il-ħlas jista' jsir jew billi jiżdied il-prezz tad-dħul fil-mużew jew fis-sit, jew inkella billi jsir ħlas separat għal dik il-wirja jew attività.

Għeluq tal-mużewijiet fil-btajjel pubbliċi.

9. Il-mużewijiet, siti u wirjiet ta' kollezzjonijiet għandhom jinżammu magħluqin fil-Ġimgħa l-Kbira, Lejliet il-Milied, Jum il-Milied, Lejliet l-Ewwel tas-Sena u Jum l-Ewwel tas-Sena, sakemm ma jiġix awtorizzat li jsir mod ieħor minn Patrimonju Malta.

Tfal taħt il-ħames snin.

10. Minkejja d-disposiżżjonijiet f'dawn ir-regolamenti, ebda ħlas m'huwa dovut għad-dħul f'mużewijiet, siti u wirjiet ta' kollezzjonijiet, minn tfal li għandhom ħames snin jew inqas.

Ħlas imnaqqsa.

11. (1) Patrimonju Malta tista' titlob ħlas imnaqqas għad-dħul f'mużewijiet, siti u wirjiet ta' kollezzjonijiet minn għand:

(a) gruppi organizzati ta' studenti li jkunu qegħdin jattendu f'xi skola jew istituzzjoni edukattiva, jew li jkunu qegħdin isegwu

xi programm ta' edukazzjoni mhux formali li jkun qiegħed jitmexxa minn persuna responsabbli;

(b) gruppi organizzati ta' membri ta' għaqdiet u organizzazzjonijiet xjentifiċi jew kulturali.

(2) Patromonju Malta tista' tawtorizza dħul mingħajr ebda ħlas fil-mużewijiet, siti u wirjiet ta' kollezzjonijiet bil-għan ta' xi studju xjentifiku, riċerka jew restawr.

(3) Patromonju Malta tista' tawtorizza dħul mingħajr ebda ħlas fil-mużewijiet, siti u kollezzjonijiet fi ġranet partikulari sabiex tippromwovi izjed lil dawn is-siti.

Proċeduri li għandu jsegwi kull min jidħol f'sit.

12. (1) Kull persuna li tidhol f'xi wieħed mill-mużewijiet, siti jew wirjiet ta' kollezzjonijiet, għanda tippreżenta l-mamma tal-biljett lill-uffiċjal inkarigat filwaqt li żżomm il-bqija tal-biljett matul il-ħin kollu taż-żjara.

(2) Mingħajr preġudizzju ghas-subregolament (3) ta' dawn ir-regolamenti, fil-każ li għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx ippreżentata l-mamma tal-biljett lill-uffiċjal inkarigat, dan iwassal biex ikun dovut il-ħlas sħiħ taż-żjara f'dak is-sit minn dik il-persuna u li tista' tigi imposta penali amministrativa ekwivalenti ghal ħames darbiet il-prezz tal-biljett tad-dħul.

(3) F'kaz li dan in-nuqqas ikun jinvolvi biljett għal dħul ta' gruppi kif provdut f'regolament 7, il-ħlas ikun dovut mingħand l-operatur turistiku li jkollu liċenza jew mingħand il-persuna li tkun qed tmexxi l-grupp, skond ma tiddeċiedi Patrimonju Malta;

Ihassar A.L. 16 ta' l-2004.

13. Ir-Regolamenti ta' l-2004 dwar id-Drittijiet tad-Dħul fil-Mużewijiet, Siti u Kollezzjonijiet, huma b'dawn imħassrin.

L-Ewwel Skeda

(Regolamenti 2 u 4)

Mużewijiet, siti u wirjiet ta' kollezzjonijiet

MALTA

Għar Dalam, Birżebbuġa
Ħaġar Qim, il-Qrendi
Id-Dar Rumana, ir-Rabat
Il-Katakombi ta' San Pawl, ir-Rabat
Il-Kmamar Statali u s-Sala ta' l-Arazzi, il-Palazz, il-Belt Valletta
Il-Mużew Marittimu ta' Malta, il-Birgu
Il-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija, il-Belt Valletta
Il-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti, il-Belt Valletta
Il-Mużew Nazzjonali ta' l-Istorja Naturali, l-Imdina
Il-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra, il-Belt Valletta
Il-Palazz ta' l-Inkwiżitur, il-Birgu
It-Tempji ta' Ħal Tarxien
It-Tempji ta' l-Imnajdra, il-Qrendi
L-Armerija tal-Palazz, il-Belt Valletta
L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, Raħal did

GĦAWDEX

Il-Mużew ta' l-Arkeoloġija, iċ-Ċittadella, ir-Rabat
Il-Mużew tal-Folklor, iċ-Ċittadella, ir-Rabat
Il-Mużew tax-Xjenza Naturali, iċ-Ċittadella, ir-Rabat
Il-Ħabs il-Qadim, iċ-Ċittadella, ir-Rabat
It-Tempji tal-Ġgantija, ix-Xagħra
Il-Mitħna Ta' Kola, ix-Xagħra

It-Tieni Skeda

(Regolamenti 2 u 5)

Mużewijiet, siti u wirjiet ta' kollezzjonijiet (dħul b'appuntament)

Borġ in-Nadur, Birżebbuġa
Il-Banjijiet Rumani, fl-inħawi ta' l-Imġarr
Il-Katakombi ta' Mintna, l-Imqabba
Il-Katakombi tas-Salina, in-Naxxar
It-Tempji Ta' Ħaġrat, l-Imġarr
It-Tempji ta' Skorba, l-Imġarr
San Pawl Milqi, Burmarrad
Tas-Silġ, Marsaxlokk

It-Tielet Skeda

(Regolament 7)

Mużewijiet, siti u wirjiet ta' kollezzjonijiet f'Malta u Għawdex li għall-iskop biss ta' regolament 7(3) għandhom il-prezz sħih tad-dħul tagħhom ta' Lira Maltija (Lm1).

MALTA

Għar Dalam, Birżebbuġa
Ħaġar Qim, il-Qrendi
Il-Katakombi ta' San Pawl, ir-Rabat
Il-Kmamar Statali u s-Sala ta' l-Arazzi, il-Palazz, il-Belt Valletta
Il-Mużew Marittimu ta' Malta, il-Birgu
Il-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija, il-Belt Valletta
Il-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti, il-Belt Valletta
Il-Mużew Nazzjonali ta' l-Istorja Naturali, l-Imdina
Il-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra, il-Belt Valletta
Il-Palazz ta' l-Inkwiżitur, il-Birgu
It-Tempji ta' Ħal Tarxien
It-Tempji ta' l-Imnajdra, il-Qrendi
L-Armerija tal-Palazz, il-Belt Valletta

GĦAWDEX

Il-Mużew ta' l-Arkeoloġija, iċ-Ċittadella, ir-Rabat
Il-Mużew tal-Folklor, iċ-Ċittadella, ir-Rabat
Il-Mużew tax-Xjenza Naturali, iċ-Ċittadella, ir-Rabat
Il-Ħabs il-Qadim, iċ-Ċittadella, ir-Rabat
It-Tempji tal-Ġgantija, ix-Xagħra
Il-Mitħna Ta' Kola, ix-Xagħra